MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 659/2001/1

**Agricultural Cooperative Limited**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta' Agricultural Cooperative Limited fejn esponiet li:

permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu, 2001 l-intimat Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjeta' rikorrenti li thallas is-somma ta' Lm1,057 allegatament dovuti in kwantu ghal Lm917 Taxxa tas-Sisa fuq Importazzjoni ta'

sulphur dust u in kwantu ghal Lm140 Taxxa tas-Sisa fuq importazzjoni ta' inorganic fungicide.

Illi dan l-ammont ma hux dovut ghar-ragunijiet segwenti.

In-noti spjegativi tal-harmonised system code tal-Imports Duty Act, senjatament HS 3808 jipprovdu illi "Insecticides, rodenticides, fungicides, herbicides, anti-sprouting products and plant-growth regulators, disinfectants and similar products put up in forms or packing for retails sale or as preparations or articles" huma ezenti mill-hlas tat-Taxxa tas-Sisa. L-*inorganic fungicide* u *sulphur dust* huma fungicides ikkontemplat fl-HS 3808 u jigu mibjugha lill-bdiewa bl-imnut fl-istat u l-forma li fiha jigu impurtati mill-koperattiva rikorrenti ta' dan ir-rikors ghandhom jigu kkunsidrati ezenti mit-taxxa tas-sisa.

Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-imsemmija talba tal-intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu tas-26 ta' Marzu, 2001 hija infondata fil-fatt I fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

**Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana** a fol. 7 fejn issottometta:

Illi l-ammont mitlub permezz tal-ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' Marzu, 2001 hu dovut fl-intier tieghu, stante li l-klassifika korretta tal-prodotti in kwistjoni hi HS Code number 2503009000, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, jekk din il-Qorti jghogobha tappunta r-rikors ghas-smiegh.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-punt li qed jigi kontestat huwa jekk il-prodott importat mir-rikorrent kienx fungicida *for retail sale* jew kubrit. Ir-rikorrent ighid li l-prodott jaqa' taht klassifika ta' fungicides taht il HS Code 38.08, li jgawdi minn regiment ta' taxxi ahjar, mentri l-konvenuti, d-Dwana, jikkontendu li jaqa' taht HS Code differenti cjoe 2503 dak ta' *sulphur of all kinds*.

F'dina l-kawza ghallhekk il-kwistjoni kollha hija jekk l-ixkora ta' 25 kilo ghandiex tiqies bhala bejgh bl-imnut jew le.

Jirrizulta mill-provi li l-prodott importat hu antik hafna u dejjem gie fi xkejjer tal-25 kilo. Qabel ma kienx hemm differenzi fil-klassifika u l-kwistjoni nqalghet biss meta dahlet is-sistema tac-CET, cjoe iz-zmien meta gie importat il-prodott in kwistjoni.

Victor Sammut, analista mad-Dwana, xehed li r-rikorrenti kienu importaw kwantita ta' kubrit ghal uzu agrikolu bhala fungicida. Il-prodott gie ghandu biex jaghti klassifikazzjoni qabel ma jirrilaxxjah. Hu mar ghat-tariffa 2503 li tkopri sulphur.

Fl-Explanatory Notes tat-Tariffa (ara fol. 29) insibu li:

*"The various types of sulphur classified in this heading are used ... as a fungicide in viticulture".*

Dina t-tariffa ghandha eccezzjoni li tghid li:

"*Sulphur put up in forms or packings for retail sale as fungicides, etc. falls in heading 38.08.* (fol 29).

Ghalhekk fejn kubrit hu prezentat biex jinbiegh bl-imnut (retail) ghandu jinqala' minn din it-tariffa (25.03) u l-ligi titfghu f'tariffa 38.08 li tattira rigiment ta' taxxa ahjar minn din it-tariffa.

Skond Sammut, Ir-rikorrent qabad ma dina l-eccezzjoni u argumenta mieghu li xkejjer ta' 25 kilo ghandhom jitqiesu bhala bejgh bl-imnut.

Izda fit-tariffa 38.08 hemm li: (ara fol 31)

*"These products are classified here in the following cases only: (1) When they are put in packings (such as metal containers or paperboard cartons) for retail sale as disinfectants, insecticides, etc. or in such forms (e.g. in balls. strings of balls, tablets or plates) that there can be no doubt that they will normally be sold by retail".*

Minhabba dina r-raguni Sammut ma setghax jikkassifika l-prodott importat taht il Code 38.08 bhala li  fungicida *for retail sale* imma bhala *sulphur of all kinds*.

Sammut semma wkoll li hemm  Departimental Ruling li *retail packing* fir-rigward ta' fungicidi ghandu jittiehed il-limitu ta' 5 kilos cjoe  sa 5 kilos ghandu jigi kunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Iktar minn hekk, bhala *bulk* u mhux *retail*.

Is-socjeta' rikorrenti qed targumenta li l-ixkejjer tal-25 kilo jinxtraw mill-bdiewa ghall-ghelieqi taghhom u ghalhekk ghandhom jigu konsidrati bhala bejgh bl-imnut.

Dwar dana l-punt, l-*explanatory notes* isemmu l-kriterji li l-ligi tiehu in konsiderazzjoni, bhal *packing*,  *metal containers or paperboard cartons*  u l-piz. Il-kriterju determinanti huwa *that there can be no doubt that they will normally be sold by retail.*

Il-Ligi ghalhekk taghti ndikazzjoni kif ghandha ssir il-klassifika cjoe il-prodott *has to be sold for retail.*

F'dan il-kaz xkora ta' 25 kilo kubrit kienet ghal bejgh bl-imnut ?

Fil-generalita' tal-kazi xkora ta' 25 kilo ma tinbieghx lill-pubbliku direttament imma tinbiegh lill hwienet imbaghad dawn ibieghu kwantitajiet izghar minnha lill pubbliku.

Dwar jekk xkora bhal dina tistax tinbiegh *on a retail basis* lil bdiewa, l-analista tad-Dwana xehed li hu ma jistax jiehu kaz kaz lill min ser jinbieghu. Hu joqghod fuq il-ligi u dina ma ssemmiex katergoriji ta' xerrejja imma x'tghid il-ligi dwar bejgh bl-imnut.

Kwantu ghall fatt li qabel kienu saru importazzjoni ta' l-istess prodott u gie klassifikat b'mod differenti, jirrizulta mill-provi li d-Dwana ma ticcekkjax kull importazzjoni li tidhol imma hemm certu *targeting*, u dana l-kaz kien wiehed fejn id-dwana riedet ticcekkja l-klassifikazzjoni taghha (ara fol. 26).

Inoltre l-konvenuti segwew id-*Departimental Ruling* li kellhom li *retail packing* fir-rigward ta' fungicidi ghandu jittiehed il-limitu ta' 5 kilos cjoe sa 5 kilos ghandu jigi kunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Iktar minn hekk huwa *bulk* u mhux *retail*.

F'kazijiet bhala dawn il-Qorti ghandha tezamina l-klassifikazzjoni maghmula mill-konvenut u tibdilha biss jekk jirrizultalha li din kienet manifestament zbaljata u cjoe li l-ebda awtorita' amministrattiva ragjonevoli ma setghet tasal ghal dika l-klassifika. Inkellha l-Qorti tkun qed tusurpa l-funzjoni tal-awtorita' amministrattiva u ma tkunx semplicement qed taghmel stharrig gudizzjarju.

*The power of the court to interfere in each case is not as an appellate authority to override a decision of the local authority but as a judicial authority which is concerned only to see whether the local authority have contravened the law by acting in excess of the powers which Parliament has confided in them. Associated Provincial Picture Houses Limited vs Wednesbury Corporation (1947 IKB 223).*

Fil-kaz in ezami l-Qorti tikkonkludi li fl-accertament tekniku maghmul mill-konvenut u mill-esperti tieghu ma kien hemm xejn fondamentalment hazin jew irragjonevoli. Anzi, biex hareg il-klassifikazzjoni, il-konvenut ibbaza ruhhu fuq analisi maghmula fuq u skond il-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tar-rikorrenti
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------